

31997R1714

4.9.1997

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 242/10

## IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1714/97

tat-3 ta' Settembru 1997

**li jidderoga mir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 fir-rigward tad-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li jorġinaw użati għall-għanijiet ta' l-iskema ta' preferenzi ġeneralizzati biex jingħata kont tas-sitwazzjoni speċjali tal-Kambodja fir-rigward ta'ċerti esportazzjonijiet ta' tessuti lejn il-Komunità**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (¹), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 82/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 249 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jippreskrivi d-dispożizzjoni jiet-għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1427/97 (⁴), u b'mod partikolari l-Artikolu 76 tiegħu,

Billi, bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3281/94 tad-19 ta' Diċembru 1994 li japplika skema ta' erba' snin għal tariffe prefereñċċi ġeneralizzati (1995 sa 1998) fir-rigward ta' ġerti prodotti industrijal li jorġinaw minn pajjiżi li għadhom qed jiżvilup-paw (⁵), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 998/97 (⁶), il-Komunità tat preferenzi bħal dawk lill-Kambodja;

Billi l-Artikoli 67 et seq. tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li jistabbilixxi d-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li jorġinaw li għandha tintuża għall-iskopijiet ta' preferenzi ta' tariffe ġeneralizzati; billi l-Artikolu 76 tar-Regolament jipprovdvi ma' dana kollu, għal deroga minn dawk id-dispożizzjoni jiet-favur il-pajjiżi beneficiarji l-anqas żviluppati tal-GSP li jissottomettu talba xierqa għal dak il-għan lill-Komunità;

Billi l-Gvern tal-Kambodja applika għal derogi bħal dik fir-rigward ta' ġerti prodotti tat-tessuti; billi fuq talba tal-Komunità il-Kambodja ipprovdiet l-informazzjoni addizzjonali ekonomika meħtieġa;

Billi t-talba mibgħuta mill-Kambodja issodisfat il-ħtiġiet ta' l-Artikolu 76; billi b'mod partikolari fl-introduzzjoni tal-kondizzjonijiet kwantitattivi (fuq bażi annwali) li jirriflettu l-kapaċċità tas-suq tal-Komunità li jassorbi l-prodotti tal-Kambodja, il-kapaċċità ta' esportazzjoni mill-Kambodja u x-xejriet attwali irreġistrati tal-kummerċ

(¹) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

(²) ĠU L 17, tal-21.1.1997, p. 1.

(³) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.

(⁴) ĠU L 196, ta' l-24.7.1997, p. 31.

(⁵) ĠU L 348, tal-31.12.1994, p. 1.

(⁶) ĠU L 144, ta' l-4.6.1997, p. 13.

huma tali li ma jħallux li ssir ħsara għat-taqsimiet korrispondenti fl-industrija tal-Komunità;

Billi sabiex tkun inkorra[ġita l-kooperazzjoni reġjonali fost pajjiżi beneficiarji huwa mixtieq li jiġi provdut li l-materja prima li tintuża fil-Kambodja fil-kuntest ta' din id-deroga għandha toriġina f-pajjiżi li għandhom x'jaqsmu ma' l-Għaqda tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk ta' l-Asja (Asean) (bl-eċċeżżoni ta' Myanmar), l-ħaqda ta' Kooperazzjoni Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Asja (SAARC) jew il-Konvenzjoni ta' Lomé;

Billi kull talba biex tiġi estiża l-applikazzjoni tad-deroga' l-hinn mill-kwantitajiet li hemm dispożizzjoni dwarhom għandha tkun meqjusa b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet tal-Kambodja;

Billi d-deroga ma tistax fi kwalunke każ tkun applikabbi għal aktar mill-31 ta' Diċembru 1998, meta l-iskema kurrenti ta' preferenzi ta' tariffe ġeneralizzati għall-prodotti industrijali tkun skadiet;

Billi l-miżuri li li għalihom jipprovdvi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali (Sezzjoni ta' l-Orġini),

### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

1. Bħala deroga mill-Artikolu 67 et seq. tar-Regolament (EEC) Nru 2454/93, prodotti elenkti fl-anness li jinsab ma' dan ir-Regolament li huma manifatturat fil-Kambodja minn drapp minsuġ (oġġetti minsuġa) jew hjud (oġġetti innitjati) impurtati f-dak il-pajjiż u li jorġinaw minn pajjiżi li jappartjeni għall-ħaqda ta' Nazzjonijiet tax-Xlokk ta' l-Asja (Asean) (bl-eċċeżżoni ta' Myanmar), l-ħaqda ta' Kooperazzjoni Reġjonali tax-Xlokk ta' l-Asja (SAARC) jew il-Konvenzjoni ta' Lomé għandhom ikunu meqjusa bħala li jorġinaw fil-Kambodja skond l-arranġamenti mniżiżla hawn taħt.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, prodotti għandhom ikunu meqjusa bħala li jorġinaw fl-Asean jew fil-SAARC meta dawn ikunu akkwistati f-dawk il-pajjiżi skond ir-regoli ta' l-oriġini li hemm dispożizzjoni dwarhom fir-Regolament (KEE) Nru 2454/93, jew bħala li jorġinaw minn pajjiżi beneficiarji tal-Konvenzjoni Lomé meta jkunu akkwistati f-dawn il-pajjiżi skond ir-regoli ta' l-oriġini li hemm dispożizzjoni dwarhom fil-Protokoll Nru 1 tar-Raba' Konvenzjoni ACP-KEE (⁷).

(⁷) ĠU L 229, tas-17.8.1991, p. 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja għandhom jinrabtu li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

### Artikolu 2

Id-deroga li hemm dispożizzjoni dwarha fl-Artikolu 1 għandha tkun applikabbi għal prodotti, importati fil-Komunità mill-Kambodja matul il-perjodu bejn l-1 ta' Awissu 1997 u l-31 ta' Diċembru 1998, sal-kwantitatijet annwali mniżżla fl-Anness biswit kull prodott.

### Artikolu 3

Il-kwantitatijet imsemmija fl-Artikolu 2 għandhom ikunu amministrati mill-Kummissjoni, li tista' tieħu kull miżura amministrattiva xierqa biex tassigura li dawn ikunu amministrati b'effiċjenza.

Meta importatur jippresenta dikjarazzjoni għar-rilaxx fċirkolazzjoni ħielsa fi Stat Membru, li jaapplika biex jieħu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, u d-dikjarazzjoni tkun aċċettata mill-awtoritajiet doganali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u jieħu ammont li jikkorrispondi għall-ħtiġiet tiegħu.

Talba għal irtirar, li tindika d-data li fiha l-applikazzjoni tkun ġiet aċċettata, għandha tintbagħha lill-Kummissjoni mingħajr dewmien.

L-irtirar għandu jingħata mill-Kummissjoni b'referenza għad-data li fiha l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru konċernat ikunu aċċettaw id-dikjarazzjoni għar-rilaxx fċirkolazzjoni ħielsa, sal-limitu li l-bilanç disponibbli hekk ikun jippermetti.

Jekk Stat Membru ma jagħmlx użu mill-ammont irtirat hu għandu malajr kemm jiċċista' jkun jibgħat lura l-kwantità korrispondenti.

Jekk l-ammonti mitluba jkunu akbar mill-bilanç disponibbli tal-kwantità in kwistjoni, il-bilanç għandu jkun allokkat pro rata

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-3 ta' Settembru 1997.

fost l-applikanti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bl-irtirar magħmul.

Kull Stat Membru għandu jassigura li importaturi tal-prodotti in kwistjoni jkollhom aċċess ugħalli u kontinwu għall-kwantitatijet sakemm il-bilanç tal-kwantitatijet relevanti hekk jippermetti.

### Artikolu 4

Meta rtirar skond l-Artikolu 3 jaġhti kont għal 80 % tal-kwantitatijet murija fl-Anness, il-Kummissjoni, b'konsultazjoni ma' l-awtoritajiet tal-Kambodja, għandha tikkunsidra jekk ikun meħtieġ li testendi l-applikazzjoni tad-deroga 'l minn dawn il-kwantitatijet.

### Artikolu 5

Dan li ġej għandu jinkiteb f'kaxxa numru 4 taċ-ċertifikat oriġinali Formola A maħruġ taħt dan ir-Regolament:

"Deroga - Regolament (KE) Nru 1714/97"

### Artikolu 6

Fil-każ ta' dubju, l-Istati Membri jistgħu jitolbu kopja tad-dokument li jiċċertifika l-oriġini tal-materjali wżati fil-Kambodja permezz ta' din id-deroga. Talba bħal din tista ssir filwaqt tad-dħul fċirkolazzjoni ħielsa ta' l-oġġetti li jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jew fil-qafas tal-kooperazzjoni amministrattiva li dwarha hemm dispożizzjoni fl-Artikolu 94 tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93.

### Artikolu 7

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fis-seba' jum mill-pubblikkazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għandu jkun applikabbi mill-1 ta' Awissu 1997.

*Għall-Kummissjoni*

Mario MONTI

*Membru tal-Kummissjoni*

## L-ANNESS

| Numru ta'<br>l-ordni | Kategorija<br>tat-tessuti | Nomenklatura<br>Magħquda   | Deskrizzjoni ta' l-oġġetti  | Kwantità<br>(1.1-31.12) |
|----------------------|---------------------------|--|---|-------------------------|
| 09.8050              | 4                         | 6105 10 00<br>6105 20 10<br>6105 20 90<br>6105 90 10<br>6109 10 00<br>6109 90 10<br>6109 90 30<br>6110 20 10<br>6110 30 10   | Qomos, T-shirts, flokkijiet ħief, innittjati fin roll-, polo-, jew turtle-necked u pullovers (barra minn tas-suf jew ta' suf fin ta' l-animali), flokkijiet ta' taħt u simili, innittjati jew bil-kroxè   | 2 543 971 biċċa         |
| 09.8051              | 5                         | 6101 10 90<br>6101 20 90<br>6101 30 90<br>6102 10 90<br>6102 20 90<br>6102 30 90<br>6110 10 10<br>6110 10 31<br>6110 10 35<br>6110 10 38<br>6110 10 91<br>6110 10 95<br>6110 10 98<br>6110 20 91<br>6110 20 99<br>6110 30 91<br>6110 30 99   | Jerseys, pullovers, slip-overs, sdieri, twinsets, cardigans, ġkieket ta' bil-lejl u jumpers barra minn ġkieket u blazers), anoraks, windcheaters, waister jackets u oġġetti simili, innittjati jew maħduma bil-kroxè  | 1 259 190 biċċa         |
| 09.8052              | 6                         | 6203 41 10<br>6203 41 90<br>6203 42 31<br>6203 42 33<br>6203 42 35<br>6203 42 90<br>6203 43 19<br>6203 43 90<br>6203 49 19<br>6203 49 50<br>6204 61 10<br>6204 62 31<br>6204 62 33<br>6204 62 39<br>6204 63 18<br>6204 69 18<br>6211 32 42<br>6211 33 42<br>6211 42 42<br>6211 43 42 | Qliezet qosra minsuġa ta' l-irġiel jew tas-subien, shorts, minbarra malji ta' l-għawm u qliezet (inklużi qliezet twal tan-nisa), qliezet tan-nisa jew tal-bniet u qliezet twal, tas-suf, tat-tajjar, jew ta' fibri magħmula mill-bniedem; il-partijiet ta' isfel ta' tracksuits bl-inforra, barra mill-kategorija 16 jew 29, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem | 703 954 biċċa           |
| 09.8053              | 7                         | 6106 10 00<br>6106 20 00<br>6106 90 10<br>6206 20 00<br>6206 30 00<br>6206 40 00   | Blouses tan-nisa jew tal-bniet, qomos u qomos-blouses, sew jekk innittjati jew maħduma bil-kroxè jew le, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem  | 546 108 biċċa           |
| 09.8054              | 8                         | 6205 10 00<br>6205 20 00<br>6205 30 00   | Qomos ta' l-irġiel jew tas-subien, barra minn innittjati jew bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem   | 546 108 biċċa           |

| Numru ta'<br>l-ordni | Kategorija<br>tat-tessuti | Nomenklatura<br>Magħquda   | Deskrizzjoni ta' l-oġġetti  | Kwantità<br>(1.1-31.12) |
|----------------------|---------------------------|--|---|-------------------------|
| 09.8055              | 10                        | 6111 10 10<br>6111 20 10<br>6111 30 10<br>ex 6111 90 00<br>6116 10 20<br>6116 10 80<br>6116 91 00<br>6116 92 00<br>6116 93 00<br>6116 99 00            | Ingwanti, ingwanti li jgħattu erbat iswaba u ingwanti kbar, innittjati jew maħduma bil-kroxè  | 1 100 par               |
| 09.8056              | 12                        | 6115 12 00<br>6115 19 10<br>6115 19 90<br>6115 20 11<br>6115 20 90<br>6115 91 00<br>6115 92 00<br>6115 93 10<br>6115 93 30<br>6115 93 99<br>6115 99 00 | Panty-hose u tights, kalzetti, kalzetti ta' taħt, kalzetti qosra, kalzetti sa' l-għaksa, sockettes u simili, innittjati jew maħduma bil-kroxè, hlied għat-trabi, inklużi kalzetti għall-vini varikużi, barra minn prodotti tal-kategorija 70  | 1 100 par               |
| 09.8057              | 13                        | 6107 11 00<br>6107 12 00<br>6107 19 00<br>6108 21 00<br>6108 22 00<br>6108 29 00   | Qliezet ta' taħt ta' l-irġiel jew tas-subien u briefs, qliezet ta' taħt tan-nisa jew bniet u briefs, innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem  | 1 936 biċċa             |
| 09.8058              | 14                        | 6201 11 00<br>ex 6201 12 10<br>ex 6201 12 90<br>ex 6201 13 10<br>ex 6201 13 90<br>6210 20 00   | Kowtijiet minsuġa ta' l-irġiel jew tas-subien, raincoats u kowtijiet oħra, mantari u kape, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem (barra minn parkas tal-kategorija 21)  | 19 177 biċċa            |
| 09.8059              | 15                        | 6202 11 00<br>ex 6202 12 10<br>ex 6202 12 90<br>ex 6202 13 10<br>ex 6202 13 90<br>6204 31 00<br>6204 32 90<br>6204 33 90<br>6204 39 19<br>6210 30 00   | Kowtijiet minsuġa tan-nisa jew tal-bniet, raincoats u kowtijiet oħra, ġkieket u blazers tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem (barra minn parkas tal-kategorija 21)   | 124 727 biċċa           |
| 09.8060              | 16                        | 6203 11 00<br>6203 12 00<br>6203 19 10<br>6203 19 30<br>6203 31 00<br>6203 22 80<br>6203 23 80<br>6203 29 18<br>6211 32 31<br>6211 33 31               | Ibbiesi u settijiet ta' l-irġiel jew tas-subien, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem, eskużi lbiesi tal-iskiing, tracksuits ta' l-irġiel jew tas-subien infurriat, b'qoxra fuq barra jew ta' materjal wieħed iden-tiku, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem | 4 202 biċċa             |
| 09.8061              | 17                        | 6203 31 00<br>6203 32 90<br>6203 33 90<br>6203 39 19   | ġkieket u blazers ta' l-irġiel jew tas-subien, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem   | 19 274 biċċa            |

| Numru ta'<br>l-ordni | Kategorija<br>tat-tessuti | Nomenklatura<br>Magħquda   | Deskrizzjoni ta' l-oġġetti  | Kwantità<br>(1.1-31.12) |
|----------------------|---------------------------|--|---|-------------------------|
| 09.8062              | 18                        | 6207 11 00<br>6207 19 00<br>6207 21 00<br>6207 22 00<br>6207 29 00<br>6207 91 10<br>6207 91 90<br>6207 92 00<br>6207 99 00   | Flokkijiet ta' taħt ta' l-irġiel jew tas-subien, u flokkijiet oħra, qleżet ta' taħt, <i>briefs</i> , qomos ta' bil-lejl, piġami, <i>bathrobes</i> , <i>dressing gowns</i> u oġġetti simili, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè   | 29,7 tunnellati metriċi |
|                      |                           | 6208 11 00<br>6208 19 10<br>6208 19 90<br>6208 21 00<br>6208 22 00<br>6208 29 00<br>6208 91 11<br>6208 91 19<br>6208 91 90<br>6208 92 10<br>6208 92 90<br>6208 99 00   | Flokkijiet ta' taħt tan-nisa jew tal-bniet, u flokkijiet oħra, <i>slips</i> , dbielet ta' taħt, <i>briefs</i> , qleżet ta' taħt, ilbiesi ta' bil-lejl, piġami, <i>negligés</i> , <i>bathrobes</i> , <i>dressing gowns</i> u oġġetti simili, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè.  |                         |
| 09.8063              | 21                        | ex 6201 12 10<br>ex 6201 12 90<br>ex 6201 13 10<br>ex 6201 13 90<br>6201 91 00<br>6201 92 00<br>6201 93 00<br>ex 6202 12 10<br>ex 6202 12 90<br>ex 6202 13 10<br>ex 6202 13 90<br>6202 91 00<br>6202 92 00<br>6202 93 00<br>6211 32 41<br>6211 33 41<br>6211 42 41<br>6211 43 41 | Parkas; <i>anoraks</i> , <i>windcheaters</i> , <i>waister jackets</i> u oġġetti simili, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar, jew ta' fibri magħmula mill-bniedem; il-partijiet ta' fuq ta' <i>tracksuits</i> bl-inforra, barra mill-kategorija 16 jew 29, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem | 409 755 biċċa           |
| 09.8064              | 24                        | 6107 21 00<br>6107 22 00<br>6107 29 00<br>6107 91 10<br>6107 91 90<br>6107 92 00<br>ex 6107 99 00  | Qomos ta' bil-lejl ta' l-irġiel jew tas-subien, piġami, <i>bathrobes</i> , <i>dressing gowns</i> u oġġetti simili, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè  | 30 833 biċċiet          |
|                      |                           | 6108 31 10<br>6108 31 90<br>6108 32 11<br>6108 32 19<br>6108 32 90<br>6108 39 00<br>6108 91 10<br>6108 91 90<br>6108 92 00<br>6108 99 10   | Ilbiesi ta' bil-lejl, piġami, <i>negligés</i> , <i>bathrobes</i> , <i>dressing gowns</i> u oġġetti simili, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè  |                         |

| Numru ta'<br>l-ordni | Kategorija<br>tat-tessuti | Nomenklatura<br>Magħquda   | Deskrizzjoni ta' l-oġġetti  | Kwantità<br>(1.1-31.12) |
|----------------------|---------------------------|--|---|-------------------------|
| 09.8065              | 26                        | 6104 41 00<br>6104 42 00<br>6104 43 00<br>6104 44 00<br>6204 41 00<br>6204 42 00<br>6204 43 00<br>6204 44 00   | Ilbiesi tan-nisa jew tal-bniet, tas-suf, tat-tajjar, jew ta' fibri magħmula mill-bniedem  | 11 767 biċċa            |
| 09.8066              | 27                        | 6104 51 00<br>6104 52 00<br>6104 53 00<br>6104 59 00<br>6204 51 00<br>6204 52 00<br>6204 53 00<br>6204 59 00   | Dbielet tan-nisa jew tal-bniet, inklużi dbielet maqsuma   | 13 270 biċċa            |
| 09.8067              | 28                        | 6103 41 10<br>6103 41 90<br>6103 42 10<br>6103 42 90<br>6103 43 10<br>6103 43 90<br>6103 49 10<br>6103 49 91<br>6104 61 10<br>6104 61 90<br>6104 62 10<br>6104 62 90<br>6104 63 10<br>6104 63 90<br>6104 69 10<br>6104 69 91 | Qliezet, <i>bib-and-brace overalls</i> , qliezet qosra u <i>shorts</i> (barra minn ilbies ta' l-għawm), innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem   | 267 951 biċċa           |
| 09.8068              | 29                        | 6204 11 00<br>6204 12 00<br>6204 13 00<br>6204 19 10<br>6204 21 00<br>6204 22 80<br>6204 23 80<br>6204 29 18<br>6211 42 31<br>6211 43 31   | Ilbiesi u settijiet tan-nisa jew tal-bniet, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem, eskużi lbiesi ta'l-iskiing, <i>tracksuits</i> tan-nisa jew tal-bniet infurriati, b'qoxra fuq barra jew ta' materjal wieħed identiku, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem | 6 064 biċċa             |
| 09.8069              | 31                        | 6212 10 00   | Riċipetti, minsuġa, innittjati jew maħduma bil-kroxè  | 21 865 biċċa            |
| 09.8070              | 68                        | 6111 10 90<br>6111 20 90<br>6111 30 90<br>ex 6111 90 00<br>ex 6209 10 00<br>ex 6209 20 00<br>ex 6209 30 00<br>ex 6209 90 00  | Ilbiesi tat-trabi u aċċessorji tal-ħwejjeġ, eskużi ingwanti tat-trabi, ingwanti li jgħattu erbat iswaba u ingwanti kbar tal-kategoriji 10 u 87, u kalzetti tat-trabi, kalzetti qosra u <i>sockettes</i> , barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè tal-kategorija 88   | 12,1 tunella ta metrika |
| 09.8071              | 69                        | 6108 11 10<br>6108 11 90<br>6108 19 10<br>6108 19 90   | Slips u dbielet ta' taħt tan-nisa u l-bniet, innittjati jew maħduma bil-kroxè   | 2 464 biċċa             |

| Numru ta'<br>l-ordni | Kategorija<br>tat-tessuti | Nomenklatura<br>Magħquda   | Deskriżzjoni ta' l-oġġetti  | Kwantità<br>(1.1-31.12) |
|----------------------|---------------------------|--|---|-------------------------|
| 09.8072              | 72                        | 6112 31 10<br>6112 31 90<br>6112 39 10<br>6112 39 90<br>6112 41 10<br>6112 41 90<br>6112 49 10<br>6112 49 90<br>6211 11 00<br>6211 12 00   | Ilbies għall-għawm, tas-suf, tat-tajjar, jew ta' fibri magħmula mill-bniedem  | 1 100 biċċa             |
| 09.8073              | 73                        | 6112 11 00<br>6112 12 00<br>6112 19 00   | Tracksuits, ta' materjal innittjat jew maħdum bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem  | 96 551 biċċa            |
| 09.8074              | 74                        | 6104 11 00<br>6104 12 00<br>6104 13 00<br>ex 6104 19 00<br>6104 21 00<br>6104 22 00<br>6104 23 00<br>ex 6104 29 00   | Ilbiesi u settijiet tan-nisa jew tal-bniet, innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem, esklużi ilbiesi ta'l-iskiing,  | 14 916 biċċa            |
| 09.8075              | 75                        | 6103 11 00<br>6103 12 00<br>6103 19 00<br>6103 21 00<br>6103 22 00<br>6103 23 00<br>6103 29 00   | Ilbiesi u settijiet ta' l-irġiel u s-subien, innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmula mill-bniedem, esklużi ilbiesi ta'l-iskiing  | 1 100 biċċa             |
| 09.8076              | 76                        | 6203 22 10<br>6203 23 10<br>6203 29 11<br>6203 32 10<br>6203 33 10<br>6203 39 11<br>6203 42 11<br>6203 42 51<br>6203 43 11<br>6203 43 31<br>6203 49 11<br>6203 49 31<br><br>6204 22 10<br>6204 23 10<br>6204 29 11<br>6204 32 10<br>6204 33 10<br>6204 39 11<br>6204 62 11<br>6204 62 51<br>6204 63 11<br>6204 63 31<br>6204 69 11<br>6204 69 31<br>6211 32 10<br>6211 33 10<br>6211 42 10<br>6211 43 10 | Ilbies industrijali jew tax-xog]ol ta' l-irġiel jew tas-subien, barra minn innittjat jew maħdum bil-kroxè<br><br>Fradal u <i>smock-overalls</i> u lbies ieħor industrijali jew tax-xog]ol tan-nisa jew tal-bniet, barra minn innittjat jew maħdum bil-kroxè | 9,9 tunnellati metriċi  |

| Numru ta'<br>l-ordni | Kategorija<br>tat-tessuti | Nomenklatura<br>Magjquda   | Deskrizzjoni ta' l-oġġetti   | Kwantità<br>(1.1-31.12) |
|----------------------|---------------------------|--|--|-------------------------|
| 09.8077              | 78                        | 6203 41 30<br>6203 42 59<br>6203 43 39<br>6203 49 39<br>6204 61 80<br>6204 61 90<br>6204 62 59<br>6204 62 90<br>6204 63 39<br>6204 63 90<br>6204 69 39<br>6204 69 85<br>6210 40 00<br>6210 50 00<br>6211 31 00<br>6211 32 90<br>6211 33 90<br>6211 41 00<br>6211 42 90<br>6211 43 90 | Ilbies, barra minn innittjat jew maħdum bil-kroxè, eskużi ilbies tal-kategoriji 6, 7, 8, 14, 15, 16, 17, 18, 21, 26, 27, 29, 68, 72, 76 u 77   | 80,3 tunnellati metriċi |
| 09.8078              | 83                        | 6101 10 10<br>6101 20 10<br>6101 30 10<br>6102 10 10<br>6102 20 10<br>6102 30 10<br>6103 31 00<br>6103 32 00<br>6103 33 00<br>ex 6103 39 00<br>6104 31 00<br>6104 32 00<br>6104 33 00<br>ex 6104 39 00<br>6112 20 00<br>6113 00 90<br>6114 10 00<br>6114 20 00<br>6114 30 00         | Kowtijiet, ġkieket, <i>blazers</i> u ħwejjeġ oħra, inklużi lbiesi ta' l-iskiing, innittajati jew bil-kroxè, eskużi ħwejjeġ tal-kategoriji 4, 5, 7, 13, 24, 26, 27, 28, 68, 69, 72, 73, 74 u 75 | 18,7 tunnellati metriċi |
| 09.8079              | 84                        | 6214 20 00<br>6214 30 00<br>6214 40 00<br>6214 90 10   | Xalpi, xallijiet, <i>mufflers</i> , imnatar, velijiet u oġġetti simili, barra minn innittjati jew maħduma bil-kroxè, tas-suf, tat-tajjar jew ta' fibri magħmulu mill-bniedem                   | 1,1 tunnellati metrika  |
| 09.8080              | 86                        | 6212 20 00<br>6213 30 00<br>6212 90 00   | Kriepet, ċintorini tal-kriepet, <i>suspender-belts</i> , ċingi, <i>suspenders</i> takkalji u oġġetti simili u partijiet tagħhom sew jekk innittjati jew maħduma bil-kroxè jew le               | 1 100 biċċa             |
| 09.8081              | 156                       | 6106 90 30<br>ex 6110 90 90  | Blouses jew <i>pullovers</i> tan-nisa jew bniet, innittjati jew maħduma bil-kroxè tal-ħarir jew ta' skart tal-ħarir  | 1,1 tunnellati metrika  |

| Numru ta' l-ordni | Kategorija tat-tessuti | Nomenklatura Magħquda   | Deskrizzjoni ta' l-oġġetti   | Kwantità (1.1-31.12)   |
|-------------------|------------------------|---|--|------------------------|
| 09.8082           | 157                    | 6101 90 10<br>6101 90 90<br>6102 90 10<br>6102 90 90<br>ex 6103 39 00<br>6103 49 99<br>ex 6104 19 00<br>ex 6104 29 00<br>ex 6104 39 00<br>6104 49 00<br>6104 69 99<br>6105 90 90<br>6106 90 50<br>6106 90 90<br>ex 6107 99 00<br>6108 99 90<br>6109 90 90<br>6110 90 10<br>ex 6110 90 90<br>ex 6111 90 00<br>6114 90 00 | Ħwejjeġ innittjati jew maħduma bil-kroxè, barra minn dawk tal-kategoriji 1 sa 123 u tal-kategorija 156   | 6,6 tunnellati metrika |
| 09.8083           | 159                    | 6204 49 10<br>6206 10 10<br><br>6214 10 00<br><br>6215 10 00  | Ilbiesi, blouses u blouses qomos, mux innittjati jew maħduma bil-kroxè, tal-ħarir jew ta' skart tal-ħarir<br><br>Xalpi, xallijiet, <i>mufflers</i> , imnatar, velijiet u oġġetti simili, mhux innittjati jew maħduma bil-kroxè, tal-ħarir jew skart tal-ħarir<br><br>Ingravati, ċfuf u kravatti, tal-ħarir jew ta' skart tal-ħarir | 6,6 tunnellati metrika |
| 09.8084           | 161                    | 6201 19 00<br>6201 99 00<br>6202 19 00<br>6202 99 00<br>6203 19 90<br>6203 29 90<br>6203 39 90<br>6203 49 90<br>6204 19 90<br>6204 29 90<br>6204 39 90<br>6204 49 90<br>6204 59 90<br>6204 69 90<br>6205 90 10<br>6205 90 90<br>6206 90 10<br>6206 90 90<br>ex 6211 20 00<br>6211 39 00<br>6211 49 00                   | Ħwejjeġ, mhux innittjati jew maħduma bil-kroxè, barra minn dawk tal-kategoriji 1 sa 123 u tal-kategorija 159   | 1,1 tunnellati metrika |